MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2015

Avviz Numru. 6/2015

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Joseph u Vannessa mizzewgin Galea**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors li bih is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuha is-somma ta' ghaxart elef, sitt mija u hamsa u hamsin Euro u tlieta u sittin centezmu (€10,655.63) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" taghhom mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "A1 sa ") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-25 ta' Ottubru, 2015 sal-jum tal-pagament effettiv.

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata datata 5 ta' Ottubru, 2007 (Dok "B") u partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Joseph u Vannessa mizzewgin Galea (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuti ddekadew mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Novembru 2012 (Dok "C") u tal-mandat ta' sekwestru li gew pprezentati kontestwalment mar-rikors promotur kontra l-konvenuti.

Rat id-dokumenti prezentati u l-atti kollha tal-kawza.

Rat illi fis-seduta tal-4 ta' Mejju, 2015, deher il-konvenut Joseph Galea assistit mill-avukat difensur tieghu. L-Avukat difensur tal-konvenuti, pprezenta nota li biha l-konvenuti ammettew it-talba attrici.

Rat in-nota ipprezentata mis-socjeta attrici illum stess, li permezz taghha irriduciet il-pretensjoni taghha ghas-somma ta' sitt elef u hames Euro u sitta u tmenin centezmu (€6,005.86) flimkien mal-imghax legali mis-26 ta' Mejju 2015 sal-jum tal-pagament effettiv, stante depozitu li sar fil-mori ta' din il-kawza.

**Konkluzjoni**

In vista ta' dak premess, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt elef u hames Euro u sitta u tmenin centezmu (€6,005.86) flimkien mal-imghax legali mis-26 ta' Mejju 2015 sal-jum tal-pagament effettiv, bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-

ittra ufficjali tal-1 ta’ Novembru 2012 u tal-mandat ta’ sekwestru li gie pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur, kontra l-konvenuti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------